MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 349/2005/1

Wara l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 1150/05 fl-ismijiet:-

**Marco u Christine Buttigieg**
**(ID No. 482963M u ID No. 283085M rispettivament)**

**vs**

**Rose Cini (ID No. 238955M) u Laferla Insurance Agency Limited (C14529)**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Novembru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Rat id-digiret taghha tas-6 ta’ Lulju 2005;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-Mandat numru 1150/05 hareg in forza ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-17 ta’ Novembru 2004 fl-ismijiet ‘Marco u Christine Buttigieg vs Rose Cini’ li saret gjudikat.

Harget ukoll ittra ufficcjali li minkejja allegazzjonijiet ma sar xejn dwarha.

Illi billi ‘Laferla Insurance Company’ taqa’ taht l-umbrella ta’ Lloyds Malta Limited ma jfisserx li ma taqax taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ma tarax xejn irregolari, abbuziv fil-Mandat numru 1150/05. Hareg skond il-procedura stabbilita f’ kazi bhal dawn. Ma hemm l-ebda raguni biex jigi mhassar il-Mandat (ara ‘Vella Emanuel vs Lloyds Malta Ltd’, 30 ta’ Ottubru 2003, numru 958/03).

Ghalhekk il-Qorti tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tas-6 ta’ Gunju 2005, tichad bl-ispejjez ir-rikors ta’ Laferla Insurance Agency Limited, u tordna t-twettiq tal-Mandat.”

Definit il-mertu fil-kawza bejn il-kontendenti bis-sentenza ta’ din il-Qorti tas-17 ta’ Novembru 2004, l-atturi ghaddew biex jezegwixxu l-ammont kanonizzat bil-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv di fronte ghall-konvenuta u s-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited. Din ta’ l-ahhar permezz tal-procedura debita opponiet ruhha ghal din l-ezekuzzjoni. It-talba taghha ma gietx akkolta mill-ewwel Qorti u allura issa qed tappella mill-provvediment moghti u fuq riprodott;

Fil-qosor, l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma impustati kif gej:-

(1) Hi ma kienetx kumpanija assiguratrici imma agent ta’ assigurazzjoni u ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104, senjatament l-Artikolu 10 tieghu, ma kienx japplika ghaliha imma se mai fil-konfront tal-principal taghha, id-ditta estera Ensign Motor Policies at Lloyds;

(2) Fil-kuntestazzjoni tar-ragonament tal-Qorti nferjuri tissottometti illi n-nuqqas ta’ rejazzjoni da parti taghha ghall-ittra ufficcjali prezentata mill-atturi ma kellux ifisser illi l-identita u n-natura legali taghha nbiddlu. Hi kienet u baqghet agent lokali ta’ certi sindikati ta’ Lloyds;

Il-konjugi Buttigieg wiegbu ghal dan l-appell bl-istess *computer printout* tar-risposta taghhom quddiem l-ewwel Qorti. Prassi din li, kif drabi ohra rilevat, kellha titqies censurabbli in kwantu kien mistenni li dik ir-risposta kellha fir-rispett procedurali tikkontjeni sottomissjonijiet li jirrelataw ma’ l-aggravji jew mal-konsiderandi tas-sentenza appellata. Ara “**Lino Debono -vs- Avv. Dr. Toni Abela LL.D.**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000;

Maghdud dan b’ registrazzjoni ta’ censura, tajjeb li qabel ma jigu valjati l-aggravji jigu nkwadrati l-aspetti saljenti antecedenti ghall-opposizzjoni ta’ l-att tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv:-

1. L-atturi konjugi Buttigieg kienu permezz ta’ azzjoni kontra Rose Cini talbu, oltre dikjarazzjoni ta’ htija, il-kundanna ta’ din ghar-rizarciment tad-danni fl-incident stradali tad-19 ta’ Gunju 1998;

2. Kontestwalment mal-prezentata ta’ din l-azzjoni l-istess atturi informaw permezz ta’ ittra ufficcjali lis-socjeta` appellanti bl-apertura tal-kawza skond it-

termini tal-Kapitolu 104. Dan hu hekk accettat mis-socjeta` appellanti;

3. L-istess socjeta` appellanti naqset li twiegeb ghall-ittra ufficcjali notifikata lilha;

4. Terminata l-procedura bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Novembru 2004, l-atturi ghaddew ghall-ispedizzjoni ta' Mandat ta' Sekwestru (Nru. 1150/05) di fronte ghas-socjeta` appellanti. Huwa proprju dan il-mandat li s-socjeta` appellanti kkontestat u talbet ir-revoka tieghu;

In succint, is-socjeta` appellanti tattakka l-hrug tal-mandat ta' sekwestru spedit kontra taghha billi tadduci vjolazzjoni tal-kontradittorju. Dan fis-sens illi, skond kif ritenut minnha, l-ittra ufficcjali kienet tiddifetta ghax ma kellhiex tigi emessa kontra taghha personalment, bil-konsegwenza li l-mandat kif spedit kellu jigi inficjat. L-ewwel Qorti, fil-konsiderandi taghha, irragunat illi minkejja dik l-ittra ufficcjali s-socjeta` appellanti baqghet passiva u ma wegbitx ghaliha. Jokkorri allura li din il-Qorti tanalizza jekk is-skiet tas-socjeta` appellanti f' dak il-mument ghas-sejha gudizzjarja li saritilha b' dik l-ittra ufficcjali kellhiex teskludi fi stadju ulterjuri d-dritt tas-socjeta` appellanti li tikkuntesta bid-debita impunjattiva l-mandat ta' sekwestru fuq dak l-assunt taghha li hi kienet semplici agent u mhux ukoll assiguratur awtorizzat;

Jirrizulta mill-Artikolu 10 tal-Kapitolu 104 illi kumpanija assiguratrici tiddahhal in xena fil-kontroversja bejn utenti ta' vetturi ko-involti f' incidenti awtomobilistici bis-sejha ta' ittra ufficcjali li taghtiha avviz tal-procediment. Il-konsegwenza ta' dik l-ittra ufficcjali hi dik li tirrendi lill-kumpanija assiguratrici passibbli ghall-hlas tas-somma likwidata fis-sentenza bhala danni u ghall-ispejjez u imghaxijiet fuq dik is-somma. Ikompli jinghad fl-istess disposizzjoni illi s-sentenza ottenuta, hekk notifikata lill-assiguratur b' att gudizzjarju, tikkostitwixxi titolu ezekuttiv u tista' tigi enforzata kontra tieghu;

Kif taraha din il-Qorti, mill-ispirtu komplessiv tal-precitat dispost tal-ligi, il-legislatur ried jintroduci *ex lege* l-ko-responsabilita` tal-kumpanija assiguratrici ghall-hlas tas-somma likwidata mposta b’ kundanna fuq is-sokkombenti fil-gudizzju li tkun koperta b’ polza ta’ assigurazzjoni kontra r-riskju ta’ terzi persuni. L-ittra ufficcjali kienet allura sa mill-istadju bikri ta’ l-emissjoni u notifika taghha, intiza biex tiddefinixxi lill-kumpanija assiguratrici bhala parti kontradittorja fir-rigward ta’ min ipproceda bl-appozita kawza ghat-tutela tad-drittijiet tieghu u biex thares l-interessi ta’ dan meta jigi ghall-hlas in forza tal-gudikat favorevoli ottenut. Dik l-ittra ufficcjali f’ dan il-kaz sakemm ma gietx disdetta, kienet tohloq presunzjoni ta’ legittimita li kienet is-socjeta` appellanti li kellha tirrispondi ghall-hlas wara s-sentenza. Jekk riedet li jkun xort’ ohra, is-socjeta` appellanti kellha d-dover, jekk mhux ukoll l-oneru, f’ dak l-istadju li tindika nominativament l-persuna legittimata biex tigi notifikata bl-ittra ufficcjali, ossija, li tindika l-kwalita attributiva ta’ dik ir-rapprezentanza taghha li issa qed tghid li ghandha. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lil parti li emittitha biex tirregolarizza ruhha;

Hu evidenti minn ezami ta’ l-atti illi, rinfaccjata bil-mandat, is-socjeta` appellanti ggib ‘il quddiem, ghall-ewwel darba, fis-sede ta’ l-impunjattiva tal-mandat, id-difett asserit minnha tal-legittimita` rizultanti mill-ittra ufficcjali biex b’ hekk allura tadduci l-proposizzjoni li s-sentenza ma kienetx esegwibbli fil-konfront taghha ghax hi, fir-realta`, kellha biss ir-rapprezentanza tal-kumpanija assiguratrici u tali ghad ghandha. Din il-Qorti, bir-rispett dovut, ma tistax leggerment taccetta din is-sottomissjoni qisha xi proposizzjoni guridika indiskutibbli. Taht il-profil tan-nuqqas ta’ rejazzjoni ghall-ittra ufficcjali, u, allura wkoll, tal-prova mankanti tas-setgha rapprezentativa taghha meta nsorgiet il-kwestjoni, dak in-nuqqas taghha ghal din il-Qorti jikkostitwixxi *per se* argoment ta’ prova kontrastanti l-allegata qaghda taghha fil-mument ta’ l-impunjattiva ta’ l-ezekuzzjoni. Dan, apparti, il-pregudizzjalita` lil parti vincenti fil-gudizzju li jkun zball li wiehed jinjoraha fir-

ricerka ta’ dik il-gustizzja ghal liema kull tribunal ghandu jippropendi;

Il-Qorti ma tistax imbaghad ma tiddenotax fl-atti ta’ l-opposizzjoni ghall-mandat quddiem l-ewwel Qorti il-mankanza ta’ prova certa, konvincenti u konkluziva illi effettivament il-karattru negozjali tas-socjeta` appellanti fir-rapport mat-terzi kien biss dak ta’ agent ta’ assigurazzjoni. Huwa veru li x-xhud taghha Robert Baldacchino, hekk isostni fid-deposizzjoni tieghu (fol. 29). Mill-bqija pero` ma gie esebit ebda dokument ta’ riljiev li jiddemostra l-legittimita` u l-effettivita` ta’ dak il-poter rapprezentativ li gie allegat li kellha. Senjatament, imbaghad, meta kkonkludiet l-polza ta’ sigurta` ta’ Rose Cini. Anke ghal din ir-raguni din il-Qorti ma tara ebda gustifikazzjoni biex, fuq is-semplici assunt ta’ l-ineffikacja ta’ l-ittra ufficcjali li bis-sahha taghha segwa l-mandat, tarresta l-ezekuzzjoni forzata ta’ dak l-istess mandat.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u l-provvediment ta’ l-ewwel Qorti, ikkonfermat, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------